



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Marzu 2018
(OR. en)

EUCO 1/18

CO EUR 1
CONCL 1

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (22 ta' Marzu 2018) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

Suq Uniku

1. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jiżdiedu l-isforzi sabiex ikun hemm riżultati, qabel ma jintemm iċ-ċiklu legiſlattiv attwali, dwar l-iſtrategġija tas-Suq Uniku, l-iſtrategġija għal Suq Uniku Diġitali, il-Pjan ta' Azzjoni għal Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija, inkluż permezz ta' eżami rapidu tal-proposti reċenti tal-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet li diġà ttieħdu jridu jiġu implimentati b'mod effettiv. Lil hinn mit-tlestija u l-implimentazzjoni tal-iſtrategġiji, l-UE teħtieġ tkompli l-ħidma lejn suq uniku ġust u li jibqa' validu fil-futur li jkun jixraq għall-era diġitali u li jippromwovi l-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill, qabel id-diskussjoni tal-Aġenda tal-Mexxejja f'Diċembru 2018, is-sitwazzjoni attwali rigward l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-legiſlazzjoni eżistenti li hija l-qofol għall-funzjonament tas-Suq Uniku u valutazzjoni tal-ostakli li fadal u l-opportunitajiet għal Suq Uniku li jiffunzjona b'mod sħiħ. Sabiex jinkisbu l-benefiċċji kollha possibbli tas-Suq Uniku, l-UE teħtieġ politika industrijali b'saħħitha.

Kummerċ

2. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-impenn tiegħu għal sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli bid-WTO fil-qalba tagħha, billi jemmen bis-sħiħ li l-kummerċ liberu u ġust huwa wieħed mill-aktar muturi b'saħħithom għat-tkabbir, li jappoġġa miljuni ta' impjiegi u jikkontribwixxi għall-proſperità. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ il-progress fin-negożjati kollha li għaddejjin rigward ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi u bilanċjati, b'mod partikolari mal-Messiku u l-Mercosur. Huwa jistenna b'interess l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehimiet li ntlaħqu mal-Ġappun u Singapore. Il-Kummissjoni ser teżamina kif issaħħaħ l-infurzar tal-impenji meħuda minn pajjiżi terzi. L-UE ser tkompli ssegwi politika kummerċjali robusta, tippromwovi l-valuri u l-iſtandards tagħha globalment u tfittex kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jagħmlu progress fil-proposti legiſlattivi pendenti fl-oqsma tal-investment u l-akkwist pubbliku.

3. Il-Kunsill Ewropew jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Istati Uniti li jimponu tariffi tal-importazzjoni fuq l-azzar u l-aluminju. Dawn il-miżuri ma jistgħux jiġu ġġustifikati minħabba raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, u l-protezzjoni tas-settur sħiħ fl-Istati Uniti hija rimedju inadegwat għall-problemi reali ta' kapaċità żejda, li fir-rigward tagħhom l-UE diġà offriet lill-Istati Uniti l-kooperazzjoni sħiħa tagħha f'bosta fora, inkluż fil-Forum Globali. Huwa jieħu nota li l-konsenji ta' azzar u aluminju mill-Unjoni Ewropea ġew eżentati temporanjament minn tali miżuri u jappella biex din l-eżenzjoni ssir permanenti. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bil-qawwa l-passi meħuda mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-interessi tal-UE jiġu protetti b'mod sħiħ u li tirriżerva d-drittijiet tagħha, skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li tirrispondi għall-miżuri tal-Istati Uniti b'mod xieraq u proporzjonat. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn tiegħu favur relazzjonijiet transatlantiċi b'saħħithom bħala l-pedament tas-sigurtà u l-prosperità kemm tal-Istati Uniti kif ukoll tal-Unjoni Ewropea, u jissottolinja l-appoġġ tiegħu għal djalogu dwar kwistjonijiet ta' kummerċ ta' interess komuni.

Semestru Ewropew

4. Il-Kunsill Ewropew japprova l-oqsma ta' prijorità tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, u jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettuhom fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom li jmiss. Il-Kunsill Ewropew japprova wkoll l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Kwistjonijiet soċjali

5. It-tweqqi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jikkostitwixxi impenn u responsabbiltà politiċi kondiviżi tal-UE u l-Istati Membri tagħha. L-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi segwita bir-rispett dovut għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jeżamina l-inizjattivi ppreżentati mill-Kummissjoni skont il-pakkett dwar il-Ġustizzja Soċjali, inkluż il-proposta dwar Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

II. PUNTI OĦRA

Ftehim ta' Pariġi

6. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta sal-ewwel kwart tal-2019 proposta għal Strateġija fit-tul tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gass b'effett ta' serra f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali.

Ewropa Diġitali

7. In-netwerks soċjali u l-pjattaformi diġitali jeħtieġu li jiggarantixxu prattiki trasparenti u protezzjoni sħiħa tal-privatezza u tad-data personali taċ-ċittadini. Il-leġislazzjoni tal-UE u dik nazzjonali jridu jiġu rispettati u infurzati. Din il-kwistjoni importanti, flimkien ma' kwistjonijiet oħra relatati mal-Ewropa Diġitali, inkluż l-adozzjoni tal-istrumenti legiſlattivi kollha li jistabbilixxu s-Suq Uniku Diġitali fl-2018, u l-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, bħall-intelliġenza artiċijali u l-mezzi li jappoġġaw l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali, ser jiġu diskussi mill-Kapijiet fil-laqgħa informali tagħhom f'Sofija f'Mejju.

Balkani tal-Punent

8. Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Frar 2018, il-Kunsill Ewropew:
- jistenna b'interess is-Summit UE-Balkani tal-Punent li għandu jsir f'Sofia fis-17 ta' Mejju 2018, li huwa mistenni jiffoka fuq ir-riaffermazzjoni tal-prospettiva Ewropea tar-reġjun, il-varar ta' inizjattivi konkreti u viżibbli biex tittejjeb il-konnettività fiżika u umana fir-reġjun u mal-UE u l-eżami ta' kif jista' jkun hemm kooperazzjoni aħjar dwar sfidi komuni bħas-sigurtà u l-migrazzjoni;
 - jikkonferma li t-tkabbir ser jiġi indirizzat mill-Kunsill f'Ġunju.

Attakk ta' Salisbury

9. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-attakk reċenti f'Salisbury, jesprimi s-solidarjetà profonda tiegħu ma' dawk kollha li kellhom ħajjithom mhedda u jagħti l-appoġġ tiegħu lill-investigazzjoni li għaddejja. Huwa jaqbel mal-valutazzjoni tal-gvern tar-Renju Unit li hemm probabbiltà kbira li l-Federazzjoni Russa hija responsabbli u li ma hemm l-ebda spjegazzjoni alternattiva plawsibbli. Aħna nagħtu s-solidarjetà mingħajr riżervi tagħna lir-Renju Unit quddiem din l-isfida gravi għas-sigurtà komuni tagħna.
10. L-użu ta' armi kimiċi, inkluż l-użu ta' kwalunkwe sustanza kimika tossika bħala arma fi kwalunkwe ċirkostanza huwa għal kollox inaċċettabbli, irid jiġi kkundannat sistematikament u fermament u jikkostitwixxi theddida għas-sigurtà tagħna lkoll. L-Istati Membri ser jikkoordinaw dwar il-konsegwenzi li jirriżultaw fid-dawl tat-tweġibiet ipprovduti mill-awtoritajiet Russi. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' tagħti l-attenzjoni kollha tagħha lil din il-kwistjoni u l-implikazzjonijiet tagħha.
11. F'dan l-isfond, l-Unjoni Ewropea trid issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha relatata mar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kif ukoll in-NATO. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom ukoll ikomplu jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw it-theddid ibridu, inkluż fl-oqsma taċ-ċibernetika, il-komunikazzjoni strateġika u l-counter-intelligence. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli jmexxu 'l quddiem din il-ħidma u jirrapportaw dwar il-progress sal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

Azzjonijiet mit-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u l-Baħar Eġew

12. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet illegali kontinwi tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Baħar Eġew u jissottolinja s-solidarjetà sħiħa tiegħu ma' Ċipru u l-Greċja.
13. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2014 u fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kunsill Ewropew jappella urġentement lit-Turkija biex twaqqaf dawn l-azzjonijiet u tirrispetta d-drittijiet sovrani ta' Ċipru li jesplora u jisfrutta r-riżorsi naturali tiegħu f'konformità mad-Dritt tal-UE u dak Internazzjonali.
14. F'dan il-kuntest, ifakkar fl-obbligu tat-Turkija li tirrispetta d-Dritt Internazzjonali u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, u tinnormalizza r-relazzjonijiet mal-Istati Membri tal-UE kollha inkluż ir-Repubblika ta' Ċipru.
15. Il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib serju tiegħu dwar id-detenzjoni kontinwa ta' ċittadini tal-UE fit-Turkija, inkluż żewġ suldati Griegi, u jappella għal soluzzjoni malajr u pożittiva ta' dawn il-kwistjonijiet fi djalogu mal-Istati Membri.
16. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' impenjat f'dawn il-kwistjonijiet.
